Lorna Vassallo,
Flt 2 Sunflower Mansions,
Tower Street,
Msida
1 t'Awwissu 2005

Sindku u Membri tal-Kunsill,
Kunsill Lokali,
16 A, Triq il-Knisja,
Msida

Ghaziz Sindku,

Qed nibghatlek kopja ta' artiklu li jien ippubblikajt sena ilu fl-"Orizzont". Jiddispjacini nghid li minn dak iz-zmien lil hawn l-artiklu baqa' validu totalment. Anzi nista' nghid ukoll li fil-post immarkat A tela' hajt sod li kompla zied il-periklu.

Jien li nuza dawn it-toroq kuljum jiddispjacini hafna li qatt ma nircievi minghand il-Kunsill dwar x'qed isir min-naha taghkom biex it-tabelli necessarji jew certi toroq isiru 'one-way'. Personalment kemm-il darba kelli accidenti (li ma rrizultawx fi hbit) ghaliex persuni ohra hasbu li B kif jidher fuq il-mappa huwa one-way – kif nemmen – wara kollox li ghandha tkun.

<u>Isem ta' Triq it-Torri</u>

Dwar l-isem tat-triq bhala Triq it-Torri nemmen li tista' tinstab soluzzjoni billi jew tinghata isem gdid u xorta jibqa' jigi kkwotat l-isem "Triq it-Torri" jew inkella tigi moghtija isem bhal " Estensjoni Triq it-Torri" jew xi haga simili. Anke jekk l-isem jithalla Triq it-Torri nemmen li ghandha titwahhal tabella, per ezempju fil-post immarkat B fuq din il-mappa, halli persuni li jkunu ghaddejjin mill-by-pass jibdew jaraw fejn hi din it-triq mill-by-pass qabel ma jibqghu sejrin u jkollhom jergghu jinzlu sa Birkirkara biex idawru.

<u>Tabella ta' l-isem tat-triq u 'one-way'</u>

It-tabella ghandha tkun go post prominenti li tassigura li persuna taraha mill-boghod bizzejjed bla ma ddawwar f'daqqa u ghalhekk ma jinholoqx periklu. Wara kollox jekk forsi xi darba ssir tabella ta' 'one-way' (kif nemmen li

ghandha ssir) fuq l-istess tabella u arblu tista' tintwera wkoll l-isem tat-triq u d-direzzjoni ta' fejn qieghda t-Triq.

Isem tal-hāra

Possibilment ukoll flok ma jitbiddel l-isem tat-Triq tista' ssir tabella li turi l-isem tal- hāra li milli jidher huwa "Ta' Ziza". Ghalhekk wiehed ma jkunx difficli ghalih jifhem li parti minn Triq it-Torri qieghda f'Ta' Ziza u l-parti l-ohra tinsab f'Ta' Xmiexi (jekk minix sejra zball).

Dan ghaliex hafna persuni li jfittxu t-triq fosthom persuni b''delivery' ta' ghamara u persuni ohra li kelli niltaqa' maghhom fuq xoghol intilfu u ma setghux isibu fejn. Kien hemm min dam siegha mitluf u kelli kaz iehor vera gravi fejn persuna tal-minibus damet ma sabet il-post siegha u nofs u kellu jintbaghtilha minibus iehor juriha fejn.

Napprezza jekk intom taqraw din l-ittra waqt il-laqgha taghkom u tibghatuli twegiba u informazzjoni dwar kif inhi s-sitwazzjoni s'issa dwar din il-parti ta' l-Imsida.

Nirringrazzjakom.

Dejjem Tieghek,

***Lorna Vassallo***